A.L. 383 ta' l-2007

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2007 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Postgraduate Diploma – P.G. Dip. – u għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – in Integrated Product Development taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Inġinerija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2007 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Postgraduate Diploma – P.G. Dip. – u għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – in Integrated Product Development u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2006 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma – P.G. Dip. – u għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – in Integrated Product Development, ippubblikati bħala Avviż Legali 99 ta' l-2006, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "r-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2007 jew wara.

L-Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. (1) L-istudenti fuq bażi *full-time* li, matul l-ewwel sena jeħlu minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux aktar minn 15-il kredtu, jkunu intitolati għall-valutazzjoni mill-ġdid fis-Sessjoni Supplimentari ta' Settembru.

(2) L-istudenti fuq bażi *part-time* li, f'xi sena, jeħlu minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux aktar minn 10 kredti, jkunu intitolati għall-valutazzjoni mill-ġdid fis-Sessjoni Supplimentari ta' Settembru."

L-Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. (1) L-istudenti fuq bażi *full-time* li jeħlu minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati aktar minn 15-il kredtu iżda mhux aktar minn 20 kredtu jew li jeħlu f'xi valutazzjoni supplimentari jitqiesu li weħlu mill-Kors iżda jistgħu jitħallew isegwu perijodu żejjed ta' studju biex jiksbu l-kredti meħtieġa għall-għoti tad-Diploma.

(2) L-istudenti fuq bażi *part-time* li, f'xi sena, jeħlu minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati aktar minn 10 kredti iżda mhux aktar minn 15-il kredtu jew li jeħlu f'xi valutazzjoni supplimentari jitqiesu li weħlu mill-Kors iżda jistgħu jitħallew isegwu perijodu żejjed ta' studju biex jiksbu l-kredti meħtieġa għall-għoti tad-Diploma."

L-Emenda għar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"10. Fil-perijodu żejjed, l-istudenti għandhom jirrepetu t-taqsimiet studju obbligatorji kollha. Jekk it-taqsimiet studju li weħlu minnhom ikunu elettivi, l-istudenti jistgħu jitħallew isegwu taqsimiet studju alternattivi. L-istudenti li, matul il-perijodu żejjed, jeħlu minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux aktar minn 10 kredti jkunu ntitolati għall-valutazzjoni riparatorja finali fis-Sessjoni Supplimentari ta' Settembru. L-istudenti li, matul il-perijodu żejjed, jeħlu minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati aktar minn 10 kredti jew li jeħlu fil-valutazzjoni supplimentari jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors."

L-Emenda għar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"12. L-istudenti fuq bażi *full-time* li jeħlu minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati aktar minn 20 kredtu, u l-istudenti fuq bażi *part-time* li matul kwalunkwe sena jeħlu minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati aktar minn 15-il kredtu, jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors."